

Brussell, 12 ta' Mejju 2025  
(OR. en)

8791/25

ENV 320  
ENT 66  
COMPET 352  
IND 138  
SAN 208  
CONSOM 81  
MI 296  
CHIMIE 29  
DELECT 56

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Mejju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 2567 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'5.5.2025 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-UV–328

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 2567 final.

Mehmuż: C(2025) 2567 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 5.5.2025  
C(2025) 2567 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'5.5.2025**

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-UV-328**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Ir-Regolament (UE) 2019/1021 għandu l-għan li jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mill-pollutanti organiċi persistenti (“POPs”) billi jipprojbixxi, jelimina gradwalment malajr kemm jista' jkun, jew jillimita l-manifattura, l-introduzzjoni fis-suq u l-użu tas-sustanzi soġġetti għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar il-POPs (“il-Konvenzjoni”). Waqt il-11-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma, li saret f'Ġinevra, l-Iżvizzera, f'Mejju 2023, ġie deċiż li l-UV-328 jiġi inkluż fl-Anness A tal-Konvenzjoni b'ċerti eżenzjonijiet speċifiċi. Dik id-deċiżjoni jenħteġ li tkun riflessa fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021.

Dan l-att delegat jimplementa d-Deċiżjoni SC-11/11 biex il-UV-328 jiġi elenkat fl-Anness A f'konformità mal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

L-esperti nnominati mill-Istati Membri ġew ikkonsultati f'laqgħa tal-grupp ta' esperti rilevanti (il-“grupp ta' esperti tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet kompetenti dwar il-POPs”) dwar l-abbozz tal-att delegat u tqiesu l-kummenti. Anki l-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-industrija tas-sustanzi kimiċi u s-soċjetà ċivili, ħadu sehem fid-diskussjonijiet dwar l-elenkar tal-UV-328 fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 fil-“laqgħa tal-awtoritajiet kompetenti dwar il-POPs” u tqiesu l-kummenti.

L-ECHA għamlet sejħa għal informazzjoni mill-31 ta' Mejju sat-18 ta' Awwissu 2023. Mill-kummenti li rċeviet, jidher li l-parti l-kbira tal-eżenzjonijiet speċifiċi inklużi fid-deċiżjoni SC-11/11 tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma huma meħtieġa għal oġġetti importati fl-Unjoni li fihom l-UV-328. Peress li l-UV-328 huwa inkluż fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH) u ma waslet l-ebda applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni qabel id-data tat-terminazzjoni, l-użu ta' din is-sustanza fl-Unjoni, inkluż għall-produzzjoni ta' oġġetti, mhuxwix permess, ħlief għal użi eżentati mir-reqwiżit ta' awtorizzazzjoni skont ir-REACH.

Saret konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-att, permezz tal-portal tal-mekkaniżmu ta' feedback pubbliku, mit-30 ta' Lulju sas-27 ta' Awwissu 2024 u l-kummenti tqiesu kif ġej.

Parti kkonċernata kkummentat dwar il-ħtieġa għal eżenzjoni għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' ingeni tal-ajru u spare parts relatati. Tali eżenzjoni mhijiex inkluża fid-deċiżjoni tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma. Sabiex jiġi evitat it-tfixkil tal-konsenji tal-inġenji tal-ajru lil-linji tal-ajru tal-UE, il-Kummissjoni hija tal-fehma li jenħteġ li jiżdiedu l-eżenzjonijiet għall-inġenji tal-ajru ċivili u militari u għall-ispere parts rispettivi. Dan se jirrikjedi li l-Unjoni ma tipparteċipax fl-elenkar tal-UV-328 skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma.

Xi partijiet ikkonċernati tas-settur tar-refriġerazzjoni u tal-arja kkundizzjonata kkummentaw li fl-Unjoni hemm għadd kbir ta' pompi tas-šhana li fihom l-UV-328 għand id-distributuri u għand il-bejjiġgħa bl-ingrossa. Skont in-nota ta' informazzjoni ppubblikata reċentement dwar l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2019/1021<sup>1</sup>, l-oġġetti fl-Unjoni li diġà ġew assemblati fi prodott kumpless jitqiesu bħala “oġġetti fl-użu” għall-fini tal-eżenzjoni fl-Artikolu 4(2) it-tieni subparagrafu u jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw fl-Unjoni. Peress li l-pompi tas-šhana u l-partijiet tal-pompi tas-šhana normalment ikunu prodotti kumplessi, dawk li

<sup>1</sup> [587278b3-4248-629b-a715-ec3ef074afd4 \(europa.eu\)](https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2019/1021/oj/001/20191021)

kienu diġà ġew importati fl-Unjoni fid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1021 għall-UV-328 se jibbenefikaw mill-eżenzjoni għall-oġġetti fl-użu.

F'diversi kummenti li saru ntlalbet aktar preċiżjoni fid-definizzjoni tal-eżenzjonijiet billi jiġu inklużi referenzi għal makkinarji speċifiċi u għar-Regolamenti tal-UE li jiddefinuhom. Ġew miżjudin referenzi kull meta kien possibbli, iżda f'xi każijiet ma setgħux jidiedu minħabba li huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet speċifiċi stabbiliti fid-deċiżjoni tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma.

Kummenti oħrajn jikkonċernaw il-valur ta' limitu propost tal-UTC ta' 1 mg/kg, u jinnotaw li dan ma jistax jitkejjel filwaqt li jitolbu limitu ta' 100 mg/kg (indikar bħala l-limitu ta' kwantifikazzjoni bil-metodi analitiċi attwali). Il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li għall-ewwel sentejn jiġi stabbilit valur ta' limitu ta' 100 mg/kg, li jenħtieġ li jitnaqqas progressivament għal 10 u 1 mg/kg kull sentejn, biex jippermetti l-iżvilupp ta' metodi analitiċi.

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

L-att delegat jemenda l-lista tas-sustanzi kimiċi fl-Anness I abbażi tal-iżviluppi skont il-Konvenzjoni, kif meħtieġ mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021. Il-bażi legali tal-att delegat hija l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'5.5.2025

## li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-UV-328

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/1021 jimplementa l-impenji tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma tal-2001 dwar il-Pollutanti Organiċi Persistenti<sup>3</sup> ("il-Konvenzjoni") u skont il-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini u fit-Tul tal-Arja fuq Pollutanti Organiċi Persistenti<sup>4</sup> ("il-Protokoll").
- (2) L-Anness A tal-Konvenzjoni fih lista ta' sustanzi kimiċi. Kull Parti għall-Konvenzjoni għandha ttipprojbixxi s-sustanzi kimiċi fil-lista u/jew tiegħu l-miżuri legali u amministrattivi meħtieġa biex telimina l-produzzjoni, l-użu, l-importazzjoni u l-esportazzjoni tagħhom.
- (3) Waqt il-11-il laqgħa tagħha, li saret bejn l-1 u t-12 ta' Mejju 2023, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ddeċidiet, skont l-Artikolu 8(9) tal-Konvenzjoni, li temenda l-Anness A tal-Konvenzjoni biex tinkludi l-UV-328 f'dak l-Anness b'eżenzjonijiet speċifiċi. L-Unjoni appoġġjat l-inklużjoni tal-UV-328 fl-Anness A b'eżenzjonijiet speċifiċi kif stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1006<sup>5</sup>.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li anki l-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021, li fiha lista tas-sustanzi elenkati fil-Konvenzjoni u fil-Protokoll, kif ukoll is-sustanzi li hemm elenkati biss fil-Konvenzjoni, tiġi emendata biex tinkludi l-UV-328.
- (5) L-UV-328 huwa inkluż fl-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup>, bl-aħħar data tal-applikazzjoni fis-27 ta' Mejju

<sup>2</sup> ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1021/oj>.

<sup>3</sup> ĠU L 209, 31.7.2006, p. 3.

<sup>4</sup> ĠU L 81, 19.3.2004, p. 37, ELI: <http://data.europa.eu/eli/prot/2004/259/oj>.

<sup>5</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1006 tal-25 ta' April 2023 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-ħdax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes fir-rigward tal-proposti għall-emenda tal-Anness A għal dik il-Konvenzjoni (ĠU L 136, 24/05/2023, p. 55, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1006/oj>).

<sup>6</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif

2022 u data tat-terminazzjoni fis-27 ta' Novembru 2023. Ma tressqet l-ebda applikazzjoni għal awtorizzazzjoni. Fin-nuqqas ta' awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1907/2006, l-UV-328 ma jistax jintuża fl-UE, iżda xorta jista' jiġi importat f'oġġetti.

- (6) L-ECHA għamlet sejħa għal informazzjoni mill-31 ta' Mejju sat-18 ta' Awwissu 2023. Il-kummenti li ġew ippreżentati jaqblu mal-ħtieġa għall-eżenzjonijiet speċifiċi inklużi fid-Deċiżjoni SC-11/11 tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, pereżempju għall-vetturi motorizzati għall-użu fuq l-art, għas-separaturi mekkaniċi f'tubi għall-ġbir tad-demem, għall-polarizzaturi, għall-karta fotografika, u għall-ispare parts.
- (7) Sabiex tista' ssir l-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li fihom l-UV-328 sakemm din is-sustanza tiġi sostitwita kompletament, ċerti eżenzjonijiet speċifiċi inklużi fid-deċiżjoni SC-11/11 jenħtieġ li jingħataw fl-Unjoni għal perjodu ta' 5 snin fir-rigward tat-tqegħid fis-suq tal-UV-328 f'ċerti oġġetti u tal-użu ta' oġġetti bħal dawn li fihom l-UV-328. Dan jikkonċerna l-oġġetti li ġejjin: is-separaturi mekkaniċi fit-tubi tal-ġbir tad-demem, il-film taċ-ċelluloża trijaċetil fil-polarizzaturi, u l-karta fotografika. Jenħtieġ li jingħataw ukoll eżenzjonijiet għal oġġetti f'vetturi motorizzati għall-użu fuq l-art. Il-vetturi motorizzati għall-użu fuq l-art jinkludu l-karozzi, il-muturi, il-vetturi motorizzati għall-agrikoltura u għall-kostruzzjoni, u t-trakkijiet industrijali, inklużi l-vetturi motorizzati koperti mir-Regolament (UE) 2018/858<sup>7</sup>, ir-Regolament (UE) Nru 167/2013<sup>8</sup>, u r-Regolament (UE) Nru 168/2013<sup>9</sup>.
- (8) Barra minn hekk, jenħtieġ li jingħataw ukoll eżenzjonijiet għall-oġġetti li ġejjin, li huma miksijin b'taħlitiet li fihom l-UV-328: vetturi motorizzati għall-użu fuq l-art, magni tal-ingerija, vetturi tat-trasport bil-ferrovija, u strutturi kbar tal-azzar b'kisi li jiflaħ għall-istrapazz. Barra minn hekk, jenħtieġ li, f'konformità mad-deċiżjoni SC-11/11, tingħata wkoll eżenzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-użu ta' spare parts għal ċerti applikazzjonijiet fejn l-UV-328 kien inizjalment użat fil-produzzjoni tagħhom.
- (9) L-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/1021 jipprojbixxi l-manifattura, it-tqegħid fis-suq, u l-użu ta' sustanzi elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament, kemm jekk waħedhom, f'taħlitiet, jew f'oġġetti. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-oġġetti li fihom il-UV-328 u li huma prodotti jew introdotti fis-suq skont eżenzjoni stabbilita fl-Anness I ta' dak ir-Regolament u li kienu diġà qed jintużaw fid-data ta' skadenza tal-eżenzjoni rilevanti, jitħallew ikomplu jintużaw wara dik id-data.
- (10) Permezz tal-mekkaniżmu ta' feedback pubbliku ġiet ipprovduta informazzjoni li ħafna ingeni tal-ajru li għandhom jiġu kkonsenjati lil-linji tal-ajru tal-UE fil-5 snin li ġejjin u l-ispare parts għal ingeni tal-ajru bħal dawn fihom l-UV-328. Sabiex jiġu evitati

---

ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE, u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj>).

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858/oj>).

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/167/oj>).

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/168/oj>).

konsegwenzi serji għal-linji tal-ajru tal-UE, jenħtieġ li tingħata eżenzjoni li tippermetti l-konsenja kontinwa ta' tali inġenji tal-ajru u spare parts għall-inġenji tal-ajru.

(11) Biex jissaħħu l-applikazzjoni u l-infurzar fl-Unjoni tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021, jenħtieġ li jiġi stabbilit valur limitu għall-UV-328 li jfeġġ bħala kontaminant traċċa mhux intenzjonat fis-sustanzi, fit-taħlitiet, jew fl-oġġetti. Sabiex il-laboratorji jkunu jistgħu jtejbu l-akkuratezza tal-metodi analitiċi rilevanti u biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi u adegwata tagħhom, jenħtieġ li l-limitu tal-kontaminanti traċċa mhux intenzjonat jiġi stabbilit għal 100 mg/kg mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għal 10 mg/kg sentejn wara d-dħul fis-seħħ, u għal 1 mg/kg 4 snin wara d-dħul fis-seħħ.

(12) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) 2019/1021 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,  
ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5.5.2025

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

*Ursula VON DER LEYEN*